REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/830

tal-15 ta' Mejju 2019

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett rettangolari bit-trufijiet ġejjin għat-tond, magħmul minn plastik iffurmat (polikarbonat) fil-forma ta' qoxra li jgħatti d-dahar u l-ġnub tal-mobiles, b'daqs ta' bejn wieħed u ieħor 7 × 14 × 0,8 cm. Il-wiċċ ta' barra tad-dahar huwa kopert b'saff tal-ġilda filwaqt li l-wiċċ ta' ġewwa, li jmiss ma' dahar il-mobile, huwa miksi b'fibri magħmula mill-bniedem (mikrofibri). Huwa ddisinjat biex iżomm u jipproteġi d-dahar u l-ġnub tal-mobile. Il-parti ta' quddiem tal-mobile ma tridx tkun mgħottija. Ara l-istampa (*).	3926 90 97	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata bir-regoli ġenerali (GIR) 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 3926, 3926 90 u 3926 90 97. Skont il-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, l-oġġett huwa ddisinjat biex iżomm u jipproteġi d-dahar u l-ġnub tal-mobile. Il-protezzjoni tingħata mill-materjal tal-qoxra (plastik tal-polikarbonat). Is-saff tal-ġilda fuq il-wiċċ ta' barra tad-dahar tal-oġġett itejjeb id-dehra tiegħu billi jipprovdi biss effett addizzjonali għall-iskop ewlieni tiegħu ta' protezzjoni. Konsegwentement, il-plastik tal-polikarbonat li jifforma l-qoxra protettiva huwa l-materjal li jagħti lill-oġġett il-karattru essenzjali tiegħu skont it-tifsira tal-GIR 3(b). Għalhekk, hija għalhekk eskluża l-klassifikazzjoni tal-oġġett taħt l-intestatura 4205 bħala oġġetti oħrajn tal-ġilda. Il-klassifikazzjoni tal-oġġett taħt l-intestatura 6307 bħala oġġetti oħrajn manifatturati hija wkoll eskluża peress li l-fibri magħmula mill-bniedem jiffurmaw biss l-inforra. Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi klassifikat taħt il-kodiċi NM 3926 90 97 bħala oġġetti oħrajn tal-plastiks.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal finijiet ta' informazzjoni.

